MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 205/2007

Kawza fil-lista:  54

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:  li l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Gunju 1985 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla li llum hija maggjorenni;  li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi, mohrija, ngurji gravi fil-konfront ta' martu l-attrici;  li l-attrici giet awtorizzata sabiex tressaq l-istanza odjerna;  ghalhekk qed titlob li din l-Qorti:

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B, ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Tordna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentari li din il-Qorti jidhrilha xieraq ghaliha.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f' zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b' tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tar-rikorrenti.

5. Tapplika kontra l-intimat l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li l-htija tas-separazzjonijiet tirrisjedi unikament fuq l-attrici;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita a fols.21 u 22 tal-process, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process a fols.25 u 26, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Lorna Mifsud Cachia;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qedin jitolbu s-separazzjoni personali ghar-ragunijiet imputabbli lil xulxin esklussivament, fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Iz-zewg partijiet cahdu dak imputat lilhom.

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Gunju 1985 meta l-konvenut, allura armel, kien diga’ kellu lil D, tifla mill-ewwel zwieg u li dak iz-zmien kienet ghadha zghira hafna. Matul iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla bl-isem Assishare, illum maggjorenni.

Illi rizultat ta’ l-inkwiet matrimonjali kontinwu bejn il-partijiet, wara ghaxar snin fil-konvivenza, l-attrici kienet telqet mid-dar konjugali biz-zewgt itfal minuri, u marret tghix go post villeggjatura ghal tlett xhur shah. Hi tghid li matul dan il-perijodu l-konvenut kien halliha bla flus, u kellha tissellef biex tghix. Eventwalment, l-attrici, wara weghdi u promessi mill-konvenut ta’ titjib fil-hajja matrimonjali, regghet lura fid-dar konjugali; izda wara ftit taz-zmien rega’ beda l-inkwiet bejn il-partijiet.

Illi fit-23 ta’ Ottubru 2006 il-konvenut kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] ta’ atti ta’ vjolenza morali u fizici kontra martu l-attrici f’ incident li kien sehh fil-21 ta’ Dicembru 2005; u fil-bidu tas-sena 2007 il-konvenut kien telaq mid-dar konjugali, izda kien jmur okkazzjonalment fejn kien jinqala’ l-inkwiet, tant li, fit-28 ta’ Dicembru 2007, fil-mori tal-proceduri odjerni, il-konvenut gie ordnat jizgombra mid-dar konjugali minn din il-Qorti, kif presjeduta, wara li osservat li *“l-attrici sfat vittma ta’ vjolenza morali u fizika minn naha tal-konvenut fid-dar matrimonjali.”*[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[1] Vol.1 – fol.102

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehema li mill-provi rrizulta sodisfacentement li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, u senjatament sevizzi u ngurji gravi da parti tieghu fil-konfront ta' martu.

Jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li t-tilwim kontinwu bejn il-partijiet kien dovut ghas-segwenti fatturi:

[1] L-irresponsabbilita' da parti tal-konvenut fil-gestjoni tal-flus necessarji ghal ghejxien tal-familja tieghu; u l-fatt konsegwenzjali li l-partijiet kienu rriskontraw problemi finanzjarji, bir-rizultat li lill-attrici ma kienx jaghtiha flus bizzejjed ghall-ghejxien tal-familja.

Illi l-insensittivita' tal-konvenut fil-konfront ta' martu f' dan ir-rigward timmanifesta ruhha mir-rifjut kostanti li jhallas lilha r-retta alimentarja baxxa ta' LM50 fix-xahar ordnata mill-Qorti, u baqa' jippersisti f' dan in-nuqqas *nonostante* li kien gie kkundannat piena ta' prigunerija mill-Qorti Kriminali.

[2] Il-fatt li l-konvenut kien jaghmel sieghat twal barra mid-dar, bir-rizultat li l-oneru tat-trobbija tat-tfal, inkluza bintu, kien waqa' kollu fuq l-attrici; kif ukoll is-suspetti ta' martu, konsegwenzjali ghal dan il-komportament, ta' nfedelta' da parti tieghu.

[3] Inoltre, l-fatt li *nonostante* li l-attrici kienet tiddejjaq bil-prezenza frekwenti ta' nisa, identifikati minnha b' isimhom, fil-garage fejn jahdem il-konvenut, huwa xorta wahda kien jippermetti l-prezenza taghhom, u kien ikun fil-kumpanija taghhom. Dan il-fatt, ghalkemm ma jintegrax il-prova ta' l-adulterju, jikkostitwixxi ngura gravi fil-konfront ta' martu.

[4] Il-fatt li l-konvenut kien jghajjar u jhedded lil martu, u okkazjonalment jerfa' idejh fuqha.

Il-komportament fuq indikat, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-hajja konjugali

mal-konvenut, u jikkostitwixxi sevizzi, u anke ngurja gravi da parti tieghu, fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat. Inoltre, il-fatt li, minnkejja li l-konvenut, fil-kontro-talba akkuza lill-attrici b' adulterju, hu ma gab ebda xintilla ta' prova fir-rigward; dan il-fatt per se, jikkostitwixxi ngura gravi da parti tieghu. F' dan is-sens, il-konvenut huwa unikament hati tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

**Manteniment**

Illi l-konvenut kien gie ordnat minn din il-Qorti sabiex ihallas lill-attrici retta alimjentarja ta' LM50 [illum €116.46] fix-xahar bhala manteniment, u dan b' effett mill-1 ta' Frar 2007.

*Arretrat*

Il-konvenut qatt ma ried ihallas dan il-manteniment, sahansitra spicca jmur il-habs minhabba li baqa' inadempjenti f' dan ir-rigward, ghajr l-ammont ta' €200 mhallsa ghal-perijodu li jestendi mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' April 2010 [4 xhur]. Ghalhekk l-ammont ta' arretrat dovut mill-konvenut mill-1 ta' Frar 2007 sal-1 ta' Jannar 2012 jammonta ghas-somma ta' tlett elef, seba mija, sitta u ghoxrin ewro, u tnejn u sebghin centezmu **[€3,726.72]** [2].

*Futur*

Illi tenut kont tar-rifjut kostanti tal-konvenut li jhallas manteniment lil martu, huwa opportun li l-manteniment futur dovut lilha bir-rata fuq imsemmija jigi kapitalizzat f' somma li l-konvenut ikun ordnat li jaghti lill-attrici ghas-saldu tal-manteniment futur dovut lilha. Dan l-ammont qed jigi stabbilit fis-somma ta' disa' telef, seba' mija, tlieta u tmenin ewro **[€9,783]**[3]

Ghalhekk b' kollox bhala manteniment, arretrat u futur, il-konvenut huwa ordnat li jaghti lill-attrici s-somma komplessiva ta' tlettax-il elf, tlett mija u tlieta u disghin ewro **[€13,393].**

---

[2] €116.46 x 11 [ 1 Frar 2007 sa 1 ta' Dicembru 2007] = €1,281.06 + €931.68 [1 Mejju 2010 sa 1 Dicembru 2010] + €1,397.52 [1 Jannar 2011 sa 1 Dicembru 2012] + €116.46 [1 Jannar 2012] = €3,726.72

[3] €116.46 x 12 x7

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
*Likwidazzjoni*
Illi din tikkonsisti fis-segwenti assi:
[1] Garage [iz-zghir] numru erba' [4] fi Triq il-Gdida, Triq Valletta, Luqa, tal-valur ta' €51,246.21;
[2] Garage [il-kbir] mibni fuq zewg plots numri 10 u 11 Triq San Tumas, Luqa. Mhux stmat;
[3] Mobbli fid-dar;
[4] Effetti mobbli relatati man-negozju tal-konvenut, bhal ghodod, vetturi u partijiet ta' vettura, inkluza l-vettura Toyota Starlet, indikati mill-attrici fin-nota guramentata taghha fol.29;
[5] Overdaft mal-Bank of Valletta ta' circa €23,300, ossia l-bilanc fid-data tallum;
[6] kreditu dotali ta' l-attrici fl-ammont ta' €9,912.49 naxxenti minn kitba taz-zwieg maghmula fl-atti tan-Nutar C Henry Saydon fl-4 ta' Gunju 1985;[4]

Illi rigward il-benefikati maghmula matul iz-zwieg fid-dar konjugali okkupata mill-partijiet b' titolu ta' inkwilinat, il-Qorti tosserva li dawn jaccedu mal-proprjeta' u ghalhekk il-pretensjoni attrici f' dan ir-rigward hija legalment insostenibbli, anke jekk l-inkwilinat huwa parafernali tal-konvenut.

*Assenjazzjoni*
Il-garage [iz-zghir] numru erba' [4] Tirq il-Gdida, Triq Valleta Luqa, jigi assenjat lill-attrici b' mod li din tkun proprjetarja fl-intier tieghu; minn naha taghha l-attrici ghandha thallas lill-konvenut nofs il-valur tieghu, u cioe' €25,623, nieqes is-somma fuq indikata ta' €13,393 u nieqes is-somma ta' €4,956.24 [rapprezentanti s-sehemha mill-kreditu dotali vis-à-vis il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ghalhekk is-somma dovuta mill-attrici lill-konvenut f' dan ir-rigward tammonta ghal sebat elef, mitejn u erba' u sebghin **[€7,274].** L-attrici hi ordnata li thallas lill-konvenut dan l-ammont.

---
[4] Vol.1 – fol.80

Il-garage [il-kbir] mibni fuq zewg plots numri 10 u 11 fi Triq San Tumas Luqa, jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena, wara li jigi valutat mill-Perit Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop a spejjez taz-zewg partijiet kemm-il darba il-partijiet ma jaqblux fuq valur; u, wara l-eghluq tas-sena, il-fond jinbigh taht l-awtorita’ tal-Qorti skond il-ligi. Ir-rikavat, wara li jithallas minnu l-bilanc ta’ l-overdraft mal-BOV kif inhu llum, jigi diviz ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

Il-mobbli li hemm fid-dar konjugali jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici, filwaqt li l-effetti mobbli, inkluzi l-karrozzi, relatati man-negozju tal-konvenut, kif ukoll il-jetkies, jigu assenati fl-intier taghhom lill-konvenut.

Il-vettura Toyota Starlet tigi assenjata lill-attrici, li minn naha taghha ghandha thallas lill-konvenut bhala ekwiparazzjoni s-somma ta’ €1,500 komputata arbitrio boni viri, fl-assenza ta’ valur indikat.

L-oggetti ndikati fil-kitba taz-zwieg, ghajr id-depozitu bankarju li diga’ gie fuq komputat, jigu konsenjati lill-attrici, jekk ghadhom jeziztu u huma fil-pussess tal-konvenut.

Illi, b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 55A tal-Kap.16, tenut kont li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq il-konvenut, l-attrici qed tigi awtorizzata tibqa’ tghix fil-fond konjugali mizmum mill-konvenut b’ titolu ta’ inkwilinat, ad eskluzjoni tal-konvenut, ghal zmien hames [5] snin. Wara dan il-perijodu l-attrici ghandha tallontana ruhha minn dan il-fond.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b’ tort imputabbli lill-konvenut;

[2] tilqa’ it-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Matnenimnet’;

[3] tilqa’ it-tielet u r-raba’ talba, u x-xolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

[4] tichad ir-raba’ talba;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa' l-ewwel, fis-sens gja' fuq deciz;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba' talba;
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens gja fuq deciz;
[6] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[7] tilqa' is-seba' talba limitatament kif fuq ordnat, u cioe' li, filwaqt li l-attrici qed tigi awtorizzata tibqa' tghix fil-fond 'Verdala' Triq Dun Pawl, Luqa, ad eskluzjoni tal-konvenut ghal perijodu ta' hames [5] snin,hija qed tigi ordnata tivvaka dan il-post eghluq dan il-perijodu, u allura l-konvenut ikollu dritt jerga' jabita fih, ad eskluzjoni ta' l-attrici, bis-sahha tat-titolu tieghu.

L-ispejjez kollha, ta' l-azzjoni u tal-kontro-talba, ikunu a kariku tal-konvenut.

In fine, il-Qorti tosserva li l-proceduri odjerni tttawwlu bla bzonn meta s-seduti tal-5 Novembru 2008, 12 Jannar 2009, 13 Jannar 2009, 7 Settembru 2009, 14 Settembru 2009 u 8 Ottubru 2009 ma setghux jisiru minhabba nuqqas da parti tal-konvenut;  ghalhekk, din il-Qorti b' applikazzjoni tal-Para.10 Skeda A Kap.12 tordna li l-attur jhallas is-somma ta' hames mitt ewro [€500] spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti u dan fi zmien 30 gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------